IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Ottubru 2009

dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' finanzjament għal azzjoni preparatorja rigward il-postijiet ta' kontroll għall-2009

(2009/755/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 49(6)(b) u l-Artikolu 75(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [2] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-"Regoli Implimentattivi"), u b'mod partikolari l-Artikolu 90 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni Komunitarja dwar il-Protezzjoni u l-Benesseri tal-Annimali 2006-2010 [3] jidentifika bħala qasam wieħed ta' azzjoni t-titjib tal-istandards minimi attwali għall-protezzjoni u l-benesseri tal-annimali skont evidenza xjentifika ġdida u valutazzjonijiet soċjo-ekonomiċi kif ukoll l-iżgurar ta' infurzar effiċjenti.

(2) Sabiex jittejjeb il-benesseri ta' ċerti kategoriji ta' annimali li jinġarru, il-leġiżlazzjoni Komunitarja tistabbilixxi rekwiżiti dwar il-ħinijiet massimi tal-ivvjaġġar, li kif jiskadu l-annimali għandhom jinħattu, jintgħalfu u jingħataw l-ilma u jistrieħu. Waqfiet obligatorji ta' dan it-tip waqt il-ġarr tal-annimali fuq distanzi twal iseħħu f'postijiet tal-kontroll, kif imfissra fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/97 tal-25 ta' Ġunju 1997 dwar kriterji tal-Komunità għal postijiet ta' waqfien u li jemenda l-pjan ta' rotta msemmi fl-Anness tad-Direttiva 91/628/KEE [4].

(3) Iż-żieda fil-ġarr tal-annimali bit-trakkijiet fi vjaġġi twal kabbar il-ħtieġa li jittejbu l-postijiet tal-kontroll. Hemm ħtieġa li jiġu determinati, permezz ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati u l-għarfien tekniku espert tagħhom, il-kriterji ta' kwalità għall-postijiet ta' kontroll u liema strateġiji għandhom jiġu żviluppati fi ħdan il-Komunità biex jittejjeb l-użu tagħhom mit-trasportaturi.

(4) Barra minn hekk, hemm nuqqas ta' postijiet ta' kontroll f'ċerti lokalitajiet u għadd ta' postijiet ta' kontroll eżistenti għandhom standards baxxi ta' kwalità. Għaldaqstant għandha sseħħ azzjoni preparatorja li tinkludi l-bini jew it-tiġdid ta' ċerti postijiet ta' kontroll.

(5) Fl-2008, il-Kummissjoni ppubblikat sejħa għal proposti għal azzjoni preparatorja simili, iżda l-ebda waħda mill-proposti li rċeviet ma ssodisfat l-kriterji minimi tas-sejħa, minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni suffiċjenti dwar il-vijabbiltà ekonomika tal-proġetti kif ukoll is-sors tal-kofinanzjament.

(6) Jixraq li jiġi pprovdut finanzjament Komunitarju għal dik l-azzjoni preparatorja. Fil-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej għall-2009, l-awtorità baġitarja allokat EUR 4 000 000 għal azzjoni preparatorja dwar il-postijiet ta' kontroll.

(7) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi deċiżjoni finanzjarja fit-tifsira tal-Artikolu 75(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u skont l-Artikolu 90 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002.

(8) Skont l-Artikolu 83 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, il-validazzjoni, l-awtorizzazzjoni u l-ħlas tan-nefqa għandhom isiru fil-limiti ta' żmien stabbiliti fir-Regoli Implimentattivi.

(9) Għall-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, jixraq li jitfisser it-terminu "bidla sostanzjali", fit-tifsira tal-Artikolu 90(4) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-azzjoni preparatorja, kif iffissata fl-Anness, ("l-azzjoni preparatorja") hija permezz ta' dan adottata.

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
[2] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.
[3] COM(2006) 13 finali.
[4] ĠU L 174, 2.7.1997, p. 1.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandha tapplika d-definizzjoniji ta' "post ta' waqfien" fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 1255/97.

Artikolu 3

Il-kontribuzzjoni massima tal-Komunità għall-implimentazzjoni tal-azzjoni preparatorja hija ffissata għal EUR 4 000 000 li għandhom jiġu ffinanzjati mill-linja tal-baġit 17 04 03 03 tal-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej għall-2009.

Artikolu 4

1. L-uffiċjal awtorizzanti jista' jadotta kwalunke bidliet għal din id-Deċiżjoni li ma jitqiesux sostanzjali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 90(4) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002, skont il-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjarja soda u tal-proporzjonalità.

2. Bidliet kumulattivi tal-allokazzjonijiet għall-azzjonijiet koperti mill-azzjoni preparatorja li ma jaqbżux l-10 % tal-kontribuzzjoni massima prevista mill-Artikolu 3 ma għandhomx jitqiesu bħala sostanzjali fit-tifsira tal-Artikolu 90(4) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002, sakemm dawn ma jaffettwawx b'mod sinifikanti n-natura u l-għan tal-azzjoni preparatorja.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ottubru 2009.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

AZZJONI PREPARATORJA DWAR IL-POSTIJIET TA' KONTROLL GĦALL-2009

1.1. **Introduzzjoni**

Din l-azzjoni preparatorja fiha żewġ miżuri implimentattivi għall-2009. Abbażi tal-objettivi mogħtija fl-azzjoni preparatorja, l-allokazzjoni tal-baġit u l-azzjonijiet ewlenin huma kif ġej:

— għal akkwisti (implimentata f'maniġment ċentralizzat dirett): EUR 200 000

— għal għotjiet (implimentata f'maniġment ċentralizzat dirett jew skont maniġment ċentralizzat indirett jekk id-delega ssir lil aġenziji eżekuttivi): EUR 3 800 000

1.2. **Akkwisti:** ***Valutazzjoni tal-fattibbiltà ta' skema ta' ċertifikazzjoni għal postijiet ta' kontroll ta' kwalità għolja***

L-ammont baġitarju globali riżervat għall-kuntratti ta' akkwisti fl-2009 jammonta għal EUR 200 000.

BAŻI LEGALI

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6)(b) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

LINJA BAĠITARJA

17 04 03 03

NUMRU INDIKATTIV U TIP TA' KUNTRATTI PREVISTI

Studju wieħed għall-valutazzjoni tal-fattibbiltà ta' skema ta' ċertifikazzjoni tal-postijiet tal-kontroll.

SUĠĠETT TAL-KUNTRATTI PREVISTI

L-objettivi tal-istudju għandhom ikunu l-ġbir ta' informazzjoni dwar l-istatus attwali tal-postijiet tal-kontroll u l-użu tagħhom fil-Komunità biex jiġi valutat liema kriterji ta' kwalità jkunu jiddefinixxu l-postijiet tal-kontroll ta' kwalità għolja. L-istudju għandu jistħarreġ ukoll il-fattibbiltà ta' skema ta' ċertifikazzjoni għal dan it-tip ta' postijiet tal-kontroll.

IMPLIMENTAZZJONI

L-implimentazzjoni għandha titwettaq direttament mid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumaturi.

QAFAS TA' ŻMIEN INDIKATTIV GĦAT-TNEDIJA TAL-PROĊEDURA TAL-AKKWISTI

It-twettiq tal-istudju huwa previst li ma jtawwalx aktar minn sitt xhur u għandu jsir fil-kuntest ta' kuntratt ta' qafas. Ir-rikjesti għal servizzi għandhom jitnedew wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

KUNTRATT SPEĊIFIKU

L-istudju għandu jitwettaq permezz tal-kuntratt ta' valutazzjoni ta' qafas 2009-2013 tad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumaturi: Rif/Valutazzjoni tal-kuntratti, evalwazzjoni tal-impatt u servizzi relatati; Lot 3, Katina Alimentari SANCO/2008/01/055 Lot 3.

1.3. **Għotjiet għall-bini jew it-tiġdid tal-postijiet tal-kontroll**

L-għotjiet għandhom jingħataw permezz ta' ftehim bil-miktub ("ftehim tal-għotja").

BAŻI LEGALI

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6)(b) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

LINJA BAĠITARJA

17 04 03 03

IL-PRIJORITAJIET TAS-SENA, L-OBJETTIVI LI GĦANDHOM JINTLAĦQU U R-RIŻULTATI PREVISTI

Iż-żieda fil-ġarr tal-annimali bit-trakkijiet fi vjaġġi twal kabbar il-ħtieġa għal postijiet tal-kontroll imtejba fejn l-annimali jkunu jistgħu jistrieħu. Fl-interess tas-saħħa u l-benesseri tal-annimali jeħtieġ li jiddaħħlu miżuri speċifiċi biex jiġu evitati l-istress fuq l-annimali u t-tixrid tal-mard infettiv. L-objettiv tal-azzjoni huwa ż-żieda fl-użu tal-postijiet tal-kontroll u t-theġġiġ ta' postijiet tal-kontroll ta' kwalità għolja.

DESKRIZZJONI U OBJETTIV TAL-MIŻURA IMPLIMENTATTIVA

L-azzjoni għandha tikkonsisti fil-bini jew it-tiġdid ta' postijiet tal-kontroll ta' kwalità għolja biex tiġi vvalidata skema ta' ċertifikazzjoni sperimentali msejsa fuq ir-riżultati tal-istudju tal-fattibbiltà. L-azzjoni mistennija tħeġġeġ skema ta' ċertifikazzjoni vijabbli ekonomikament għal postijiet tal-kontroll ta' kwalità għolja biex jittejjeb il-benesseri tal-annimali li jinġarru fi vjaġġi twal.

IMPLIMENTAZZJONI

L-implimentazzjoni għandha titwettaq direttament mid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumaturi.

SKEDA TA' ŻMIEN U AMMONT INDIKATTIV TAS-SEJĦA GĦALL-PROPOSTI/GĦOTJA DIRETTA

Għandha tiġi ppubblikata sejħa waħdanija għall-proposti ta' EUR 3 800 000. L-azzjoni għandha titwettaq fi żmien 24 xahar wara l-iffirmar tal-ftehim tal-għotja. Is-sejħa għall-proposti għandha titnieda wara li jitlesta l-istudju dwar il-valutazzjoni tal-fattibbiltà, imsemmi fit-Taqsima 1.2.

RATA MASSIMA POSSIBBLI TA' KOFINANZJAMENT

70 %

Il-KRITERJI ESSENZJALI TAL-GĦAŻLA U TAL-GĦOTJA

— Il-kriterji tal-għażla:

  — Il-kapaċità finanzjarja tal-applikant:

    — L-applikanti jridu juru li għandhom il-kapaċità finanzjarja li jwettqu l-azzjoni li trid tiġi ffinanzjata,

    — L-applikanti jridu jipprovdu xhieda tad-disponibilità tar-riżorsi proprji meħtieġa għall-kofinanzjament Komunitarju rikjest u li jkunu jamministraw il-fluss finanzjarju neċessarju għall-amministrazzjoni tal-proġett. L-ammont tal-għotja mogħti lil benefiċjarju ma jistax jaqbeż id-dejn fit-tul u l-ammont totali tal-kapital proprju tiegħu/tagħha.

  — Il-kapaċità teknika u professjonali tal-applikant:

    — L-applikanti jrid ikollhom il-kapaċità teknika u l-ħila professjonali li jwettqu l-azzjoni li trid tiġi kofinanzjata. Huma jridu jipprovdu xhieda tal-għarfien u l-esperjenza tagħhom fil-qasam tal-infrastruttura relatata mal-annimali u l-operat ta' ġarr tal-annimali. Huma għandhom jipprovdu ċertifikazzjoni u deskrizzjonijiet ta' proġetti u attivitajiet imwettqa minnhom fl-aħħar tliet snin u b'mod aktar partikolari ta' proġetti relatati mal-materja relevanti. Iridu jipprovdu "curriculum vitae" ddettaljat ta' kull membru tat-tim tagħhom u juru l-kapaċitajiet ta' ġestjoni tad-direttur tal-proġett, inkluż l-isfond ta' edukazzjoni, il-lawrji u d-diplomi, l-esperjenza professjonali, ix-xogħol ta' riċerka u l-pubblikazzjonijiet tiegħu jew tagħha,

    — L-applikanti jridu juru li l-organizzazzjonijiet li japplikaw għall-azzjoni jkollhom impenn lejn l-għanijiet tal-proġett u jkunu jappoġġjaw il-prinċipju tal-introduzzjoni tal-iskema ta' ċertifikazzjoni għall-postijiet tal-kontroll li għandha tiġi implimentata bl-azzjoni. Iridu jipprovdu evidenza tal-kuntatti u l-partijiet interessati li bihsiebhom jikkonsultaw, b'mod partikolari dwar ċertifikazzjoni, u li bihsiebhom jirfdu mir-riżorsi tagħhom fl-andament tal-eżekuzzjoni tal-azzjoni preparatorja.

— Il-kriterji għall-għotja:

  — Għandhom japplikaw il-kriterji ġenerali ta' għoti li ġejjin:

    — Is-soliditá tal-istrateġija (20 %),

    — L-organizzazzjoni tax-xogħol u l-grad ta' involviment ta' awtoritajiet/organizzazzjonijiet kompetenti fl-Istati Membri koperti b'din l-azzjoni (30 %),

    — Ir-relevanza tal-proġett fil-livell Komunitarju u l-effett multiplikattiv (30 %),

    — Il-proporzjon tal-effettività tal-ispejjeż tal-proġett (20 %).

IL-FORMA TAL-GĦOTJA

Ftehim bil-miktub